**ARB/C009/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 23rd November, 2021 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Monica Vella LL.D.). Compilation Number 732/2021, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

**ANUSCHKA ARLETTE HALMAN**, works in the cleaning sector, 44 years, daughter of Elsa Halman, born in Curacao on the 19th March, 1977, without a fixed address in Malta and holder of Dutch Passport number NR361DFo8.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **ANUSCHKA ARLETTE HALMAN** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by her, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta, Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 5, Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 18th February, 2022

Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C009/2022 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Novembru, 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Monica Vella LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 732/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Marshal Mallia)

Kontra

**ANUSCHKA ARLETTE HALMAN**, taħdem fis-settur tat-tindif, ta' 44 sena, bint Elsa Halman, imwielda Curacao fis-19 ta' Marzu, 1977, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentriċi tal-Passaport Olandiż bin-numru NR361DFo8.

**ORDNAT** iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **ANUSCHKA ARLETTE HALMAN** u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew xort' oħra tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minna, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf Euro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 18 ta' Frar, 2022

Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi